**18 ta' Mejju, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Carmela mart Grezzju Vella, et.

*versus*

Giorgio Zahra

**BENEFIĊJU TA' L-AVUKAT TAL-FQAR. Art. 1365 u 1373 (1) Tal-Kodiċi Ċivili.**

*Is-sehem li għad rrid imiss lill-żewġ l-appellanti minn wirt indiviż u illikwidu ma jistgħax b'ċertezza jitqies li hu prontament realizzabbli u disponibili.*

Il-Qorti, Rat il-verbal tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' April, 1964 fejn il-Qorti rriżervat li tagħti provvediment dwar l-inċident sollevat mill-appellat jekk l-appellanti Carmela Vella għandiex tgawdi mill-benefiċċju li tappella "in forma pauperis."

L-imsemmija Carmela Vella ġiet ammessa għal dak il-benefiċċju għall-finijiet ta' l-appell bid-digriet ta' din il-Qorti ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar, 1964. Dak id-digriet, naturalment, sar mingħajr preġudizzju ta' kull provvediment ieħor li l-Qorti setgħat tagħti l-quddiem skond il-liġi fil-każ li jirriżulta li l-appellanti għandha mezzi li minħabba fihom hi m'hix intitolata għal dak il-benefiċċju.

Issa l-appellat jippretendi li Carmela Vella għandha mezzi tali u dan għaliex żewġha għandu sehem ta' wirt li jiswa aktar minn ħamsa u għoxrin lira (£25).

Bħala fatt jidher li Grazio Vella, żewġ l-appellanti, flimkien ma żewġ ħutu oħra, huwa leġittimarju fil-wirt tal-ġenituri tiegħu skond testment tagħhom tal-ħdax (11) ta' Diċembru, 1957 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Agius li bih istitwew bħala eredi universali tagħhom bill-binthom l-oħra Rosaria. Jidher ukoll illi fl-assi tat-testaturi hemm fond, mikri bħala forn, li jiswa xi elf u ħames mitt lira (£1,500) u li fuqu hemm dejn ta' disgħa mitt lira (£900) bl-imgħax ta' l-4½%.

Dawn huma d-dati kollha li jidhru mill-proċess. Fuq dawn id-dati biss wieħed jista jikkonkludi illi s-sehem tal-

leġittima li jmiss lill-Grazio Vella jeċċedi l-valur ta' ħamsa u għoxrin lira (£25). Iżda, s'intendi, altru li wieħed jikkalkola hekk u altru li jkun ċert li Grazio Vella, meta eventwalment issir il-likwidazzjoni ta' l-assi, bl-ispejjeż u l-kalkoli kollha li likwidazzjoni ta' assi ġġib magħha, ikun effettivament ta' dak il-valur.

Jidher mis-sentenza Vol. XXI, III, 131 u dik ċitata fiha Vol. VII p. 137 illi l-Qrati tagħna — evidentement biex ma jirrestrinġux iżżejjed dan il-benefiċċju li fih in-nifsu, speċjalment illum bil-valur diminwit tal-flus u l-ispejjeż wisq akbar, hu ġa biżżejjed limitat — irritenew li biex persuna tkun eskluża jinħtieġ illi l-proprjeta posseduta tkun raġonevolment faċilment realizzabbli biex tista tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jinħtieġu li jiġu nkorsi għall-istituzzjoni jew prosekuzzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji.

In bażi għal din il-konsiderazzjoni l-Qorti hi nklinata li tirritjeni illi, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan l-każ, issehem li għad irid imiss lill-żewġ l-appellanti mil-wirt indiviż u llikwidu tal-ġenituri tiegħu ma jistax b'ċertezza jitqies li hu prontament realizzabbli u disponibbli b'mod li jista' jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet in diskussjoni.

Dan apparti l-kwistjoni, li dwarha l-Qorti m'hix ser tippronunzzja ruħha definitivament jekk trattandosi ta' kawża magħmula mill-mara, tistax tittieħed f'konsiderazzjoni kwota ta' wirt spettanti lill-żewġha. Mill-banda l-waħda jista' jingħad illi, billi l-mara qegħda taġixxi bl-assistenza u l-kunsens ta' żewġha, id-dejn għall-ispejjeż kontratt minnha hu a karigu tal-komunjoni (art. 1373 (1) Kod. Ċiv.). Minn naħa l-oħra, però, kwota ta' wirt, bħala tali, ma taqax fil-komunjoni ta' l-akkwisti iżda hi partikolari: jaqgħu fl-akkwisti l-frutti tagħha jew talvolta dak li jiġi, wara,

akkwistat biha (art. 1365). Kwindi jista jidher illi id-dejn tal-mara ma jaggravax fuqu u għalhekk, forsi, ma jistgħax jingħad illi l-mara, minħabba dik il-kwota ta' wirt spettanti lill-żewġha, anki jekk ta' valur eċċedenti ħamsa u għoxrin lira (25), hi eskluża mill-benefiċċju tal-fqar dwar domanda li tagħmel hija hix hekk taġixxi. Però, kif ġa ntqal, il-Qorti in vista tal-konklużżjoni l-oħra li waslet fiha ma jidhriliex li hemm għal fejn tirriżolvi dik il-kwistjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-inċident fuq imsemmi billi tiddikjara li, 'rebus sic stantibus', m'hemmx raġun għaliex l-appellanti għandha tiġi privata mill-benefiċċju li tkompli l-appell 'in forma pauperis'.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident iħallashom l-appellat.